**Mill-Istorja ta' Pajjiżna** — **Michael Galea**

# 1693 — IT-TERREMOT U L-BINI MILL-ĠDID TAL-KATIDRAL TA' L-IMDINA — (1)

**Il-Knisja Kattolika f'Malta tagħraf il-bidu tagħha lill-Appostlu San Pawl, li b'mod straordinarju permezz ta' l-għarqa providenzjali, rifes fuq ix-xtut tagħna. Din hija ġrajja verament glorjuża li ġiet maġistralment reġistrata mill-kittieb Evanġelista San Luqa fl-Atti ta' l-Appostli. (1)**

**It-tradizzjoni millenarja tgħid li San Pawl ikkonsagra l-ewwel Isqof il-Primat tal-Gżira li kien jismu Publius, wara li dan kien ikkonverta għall-Kristjaneżmu. Hija wkoll it-tradizzjoni fostna li tgħid li l-palazz jew residenza ta' Publius bħala kap tal-Gżira kien fuq il-post fejn illum hemm il-katidral veskovili. Jiġifieri dan il-palazz ta' Publius sar l-ewwel knisja katidrali għaliex hemmhekk lill-ewlenin insara fost missirijietna u l-antenati tagħna ġew amministrati s-Sagramenti.**



Kwadru tal-Konti Ruggieru, rebbieħ fuq is-Saraceni (sagristija tal-Katidral, Mdina)

Aktar tard kien ngħata bidu għall-bini ta' knisja flok fejn kien hemm il-palazz ta' Publius. Dana x'aktarx ġara fis-sena 395 w.K. Fis-snin ta' wara din l-ewwel knisja twaqqgħet u ġiet mibnija mill-ġdid taħt għamla regulari ta' knisja. Din il-knisja baqgħet wieqfa sa l-1090.

### MIĠJA TAL-KONTI RUĠĠIERU FOSTNA

It-tradizzjoni tgħid li f'din is-sena (1090) in-nobbli Konti Ruġġieru, in-Normann, (2) niżel fuq ix-xtut ta' Malta, fil-post fejn it-tradizzjoni baqgħet issejjaħlu *Miġra l-Ferħa* għax il-Maltin



Mattia Preti: San Pawl, difensur ta' Malta, ikeċċi l-Mori (Katidral, Mdina)

ġrew 'l hemm bil-ferħ biex jilqgħu lil Ruġġieru, bħala l-ħellies tagħhom, bl-għajjat ta' *Kyrie Elesion* (Mulej, Ħniena) (3) Dan in-nobbli Konti, li kellu sentimenti kbar ta' nisrani, malajr kien rażżan lill-Għarab fi Sqallija, u mbagħad f'Malta.

Il-Konti Ruġġieru f'dik is-sena stess tal-miġja tiegħu fost il-Maltin malajr kien ħa ħsieb jirrestawra l-knisja katidrali u taha għamla biżantina, forma sempliċement kwadrangolari. (4) Hija din ir-raġuni li l-iskrizzjoni taħt il-kwadru tal-Konti Ruġġieru li hemm fis-sagristija tal-katidral tgħid:

*Comiti Ruggiero Normanno Insularum vintici et hujus Cathedralis Fondatori gratitudinis monumentum*

(Lill-Konti Ruġġieru Normann, padrun tal-Gżejjer u fundatur ta' din il-katidral, monument tal-ħniena għamel).

U Mons. Isqof Paul Alpheran de Bussan (1728-1757) kien stabilixxa li titqaddes quddiesa kull sena f'waħda mill-ġranet fl-Ottava tal-Qaddisin Kollha b'suffraġju ta' ruħ dan in-nobbli Konti. (5)

L-istendard ***Abjad u Aħmar*** li hemm skolpita fl-irħam fuq it-Tribuna tal-knisja katidrali hija rabta oħra li dan it-tempju għandu mal-Konti Ruġġieru. (6)

### TIBDIL STRUTTURALI FIL-KATIDRAL

Fl-1419 lill-knisja sarulha xi alterazzjonijiet strutturali billi żdidilha d-driegħ trasversali b'mod li ħadet għamla ta' *Tau* jew aħjar, salib grieg. (7) Fl-1626 l-Isqof Baldassare Cagliares (1614-1633) kabbar il-presbiterju, u l-altar maġġur nqala' mit-tribuna u tressaq 'il quddiem. Fi żmien l-Isqof Michele Molina (1678-1681) saru xi tibdiliet lit-tribuna wara l-altar prinċipali. (8)

Sal-1436 il-knisja katidrali kienet l-unika knisja parrokkjali f'Malta. L-Isqof Senatore de Mello (1433-1445) imbagħad waqqaf 12-il parroċċa u f'kull parroċċa kien hemm kanoniku tal-katidral. Dawn il-knejjes parrokkjali filjali tal-katidral kienu: il-knisja taż-Żurrieq, tal-Birgu, tar-Rabat, ta' Ħaż-Żebbuġ, tal-Gudja, tan-Naxxar, ta' Birkirkara, ta' Ħal Qormi, ta' Ħad-Dingli, tal-Mellieħa, tas-Siġġiewi u taż-Żejtun. Minn dawn aktar tard ħarġu parroċċi oħrajn.

### VOT TA' RINGRAZZJAMENT

Skond tradizzjoni antika ħafna din il-knisja katidrali kienet oriġinarjament dedikata lill-Madonna. Imbagħad aktar ma l-kult lejn San Pawl bħala l-Patrun ewlieni ta' Malta ssokta jikber, it-titulari ta' din il-knisja katidrali sar l-Appostlu San Pawl. Ma huwiex magħruf f'liema epoka u r-raġuni preċiża għal din il-bidla peress li dan ma ġiex dokumentat. (9)

X'aktarx li dan sar fis-seklu XV. Huwa fatt li l-kult ta' San Pawl fil-Gżejjer Maltin kien dejjem imxerred ħafna qalb il-poplu u dana minħabba l-grazzji speċjali li l-Maltin qalgħu bl-interċessjoni ta' missierhom spiritwali. Wieħed isemmi ġrajja li ħallewlna l-istoriċi: id-dehra ta' San Pawl riekeb fuq żiemel ikeċċi bix-xabla f'idu lill-Mori li fl-1470 kienu qed jassedjaw il-belt antika ta' l-Imdina. (10) Din il-ġrajja baqgħet imfakkra bi kwadru li hemm fl-istess knisja katidrali.

Għalkemm il-knisja tal-katidral kienet ġiet restawrata diversi drabi, baqgħet wieqfa sal-1693, meta fil-parti kbira tagħha sfat imġarrfa b'terremot qawwi.

Tabilħaqq, fil-11 ta' Jannar 1693, terremot qawwi kien għamel ħerba u qerda sħiħa f'Sirakuża, Katanja, Augusta, u f'ħafna bliet oħra ta' Sqallija, meta eluf u eluf ta' abitanti ta' dawk l-ibliet tilfu ħajjithom. Dak it-terremot kien inħass fil-Gżejjer Maltin u għalkemm ma kinux mietu nies, b'danakollu ħalla l-ġrieħi tiegħu billi xi bini safa mġarraf.

Fost il-bini li safa mġarraf kien hemm il-knisja katidrali ġewwa l-belt ta' l-Imdina. Peress li ħadd fil-Gżejjer Maltin ma kien miet f'dak it-terremot, il-kapitlu tal-katidral ried li fil-jum ta' dak it-terremot tiġi ċelebrata kull sena fl-istess katidral quddiesa solenni ta' radd il-ħajr — vot ta' ringrazzjament lil Alla. (11)



Il-faċċata tal-Katidral l-antik (Seklu XI)

## RIFERENZI


(1) Atti ta' l-Appostli, Kap. 28, 1-11.

(2) Dan in-nobbli kien nisel familja ġejja min-Normandija, fit-tramuntana ta' Franza. Huwa kien jiġi wkoll minn Guliermu r-Rebbieħ (*William the Conqueror*) li fis-sena 1066 ħabat għall-Ingilterra u rebaħha. (Ara Laspina: *Ġrajjiet il-Gżejjer Maltin*, p. 38).

(3) Laspina, S.: op.cit., p.38.

(4) Pullicino, P.: *Antiche tavole altre volte componenti il principale gran quadro della chiesa cattedrale di Malta*, p. 13.

(5) Dimech, A.: *Li Storja tal-Knisja Maltija*, p. 230.

(6) It-tradizzjoni tgħid li kien il-Konti Ruġġieru li ta lill-Maltin il-bandiera nazzjonali: Bajda u Ħamra – l-arma tal-familja tiegħu ta' Altavilla.

(7) Pullicino, P.: op.cit, pp. 8-9, 13.

(8) Pullicino, P.: op.cit, p. 14.

(9) Pullicino, P.: *L'Antico titolo della chiesa cattedrale di Malta*, p. 6

(10) Pullicino, P.: *L'Antico titolo* ecc., p. 7; Ferris, A.: *Storia delle Chiese*, p. 82.

(11) *Archivum Cathedrale Melitense* (ACM) Ms 62, f. 36. Bl-istess terremot ġie wkoll imġarraf il-katidral ta' Għawdex.